# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' April 2016**

**Kawza Numru : 28**
**Rikors Guramentat Numru : 882/2015/LSO**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Karl John Bezzina (I.D. numru 117482 (M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. datat 22 Settembru 2015 fejn Joseph Caruana (K.I. numru 709057 (M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta' attrici kkonferma bil-gurament : -

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’ erba' kuntratti, tnejn minnhom fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia, datati 28 t'April 2009 (Dok. "A") u l-iehor datat 30 ta' Marzu 2010 (Dok."B") u tnejn l-ohra in atti Nutar Dottor Andre` Farrugia datati 16 ta' Novembru 2011 (Dok. "C" u "D"), fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Karl John Bezzina.

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Karl John Bezzina fis-somma ta' mitejn u tlieta u sittin elf, tmien mija u erbgha u tletin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€263,834.58), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts"* ta' Karl John Bezzina mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E", "F", "G", "H1 sa H2" u "I1 sa I3" flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta' Lulju 2015 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u esibiti bhala Dok. "A", "B"', "C" u "D"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Karl John Bezzina

(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kien inadempjenti f’ obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Karl John Bezzina li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmij a personalment.

Illi l-konvenut Karl John Bezzina gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 2014, li kopja taghha qed tigi esibita u mmarkata Dok 'J', sabiex jithallas id-dejn fuq imsenimi, izda dan baqa inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qieghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u esibit bhala Dok "A", "B", "C" u "D"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Karl John Bezzina (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kien inadempjenti f' obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopra indikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Karl John Bezzina li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u

2. Tikkundanna lil Karl John Bezzina jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u sittin elf, tmien mija u erbgha u tletin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€263,834.58), bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta' Karl John Bezzina mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E", "F",

"G", "H1 sa H2" u "I1 sa I3" flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta' Lulju 2015 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 2014 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Novembru 2015.

Rat il-verbal tad-seduta tat-Tlieta, 23 ta' Frar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Dominic Cassar ghall-Bank attur. Il-konvenut imsejjah tliet darbiet ma deherx. Il-Qorti innotat li l-proceduri ta' pubblikazzjoni u affissjoni saru u li l-konvenut hu kontumaci. Xehdet bil-gurament taghha Rose Cortis, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghat-28 ta' April 2016 fid-9:30a.m. b'dan li l-konvenut kontumaci hu awtorizzat jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata min-dan il-verbal, bin-notifika tad-difensur tal-kontro-parti, li jkollu wiehed u ghoxrin (21) gurnata min-notifika biex iwiegeb.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-Bank attur qed jitlob li jigi kanonizzat bhala kreditur kontra l-intimat fl-ammont ta' mitejn, tlieta u sittin elf, tmien mija u erbgha u tletin Ewro u tmienja u hamsin centezmu. (€263,834.58), bilanc ghal loan accounts ta' Karl John Bezzina, dan wara li nghata facilitajiet bankarji.

Dawn il-facilitajiet bankarji jinsabu esebiti fil-process bhala **Dok A** (fol 4- 30), **Dok B** (fol 31-36), it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia. Il-facilitajiet bankarji l-ohra huma esebiti bhala **Dok C** (fol 37-39) u **Dok D** (fol 40-42), it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Andre Farrugia.

Illi jirrizulta mill-atti li l-intimat, anke wara li debitament saret il-procedura tal-affissjoni, naqas li jipprezenta risposta, u ghalhekk hu kontumaci skont il-ligi.

Jigi kkonsidrat qabel xejn li ghalkemm l-intimat Karl John Bezzina hu kontumaci dan ma jfissirx li l-attur m'ghandux jipprova l-kaz tieghu. *"Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni."* **("Charles Saliba s Salvu Borg" -** Appell 27-6-1997) u "skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabilixxi l-verita` tal-fatti." (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – PA. FDP 30-6-1995, u **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe.** PA AF 15-1-2014).

Illi l-Bank attur esebixxa **Dok E**, **Dok F**, **Dok G**, **Dok H1** u **Dok H2,** u **Dok I1** sa **Dok I3** li jinsabu a fol 43 sa 50 tal-process. Illi minn dawn id-dokumenti esebiti, jirrizultaw id-debiti tal-intimat. Illi nonostante li l-intimat gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 2014 esebita bhala **Dok J** (fol 52) izda dan baqa' inadempjenti. Difatti, rrizulta mill-provi li l-intimat huwa kreditur ghall-ammont mitlub fir-rikors promotur, u dan l-ammont ghadu kollu dovut, hekk kif jirrizulta mix-xhieda bil-gurament ta' Rose Cortis fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016.

Illi konsegwentement, did-dawl tal-premess, din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici bhala ppruvati u gustifikati fil-fatt u fid-dritt.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-intimat tiddisponi mit-talbiet attrici skont kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti esebiti fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia, u fil-kuntratti esebiti tan-Nutar Dottor Andre Farrugia (Dok "A", "B", "C" u "D") kif mitlub .

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Karl John Bezzina jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u sittin elf, tmien mija u erbgha u tletin ewro u tmienja u hamsin

centezmu (€263,834.58), bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta' Karl John Bezzina mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E", "F", "G", "H1 sa H2" u "I1 sa I3") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta' Lulju 2015 sad-data tal-effettiv pagament;

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' April 2016**